MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1212/2001/1

**Alfred Zammit**

**vs**

**Rosaria Maria Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-ghaxra t'April tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (10.04.1974) gie ccelebrat iz-zwieg bejn Alfred Zammit u Rosaria Mafla, xebba Pulo f'Westminster Cathedral, f'Londra, l-Ingilterra, (Dok "A"), liema zwieg kien gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att taz-Zwieg Numru elf mitejn sitta u tmenin tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (1286/1974);

Illi minn dan iz-zwieg il-konjugi Zammit kellhom zewg ulied u cjoe’ Giselle li twieldet fit-tmintax t’April tas-sena elf disa’ mija erbgha u tmenin (18.04.84) u Ruben, li twieled fid-dsatax ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (19.05.88);

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba nkapacita’ li tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi wkoll li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg;

U dana kollu kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U li ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-ghaxra t’April tas-sena elf disa’ mija erbgha’ u sebghin (10.04.1974) huwa null u bla effett a tenur artikolu dsatax (19) sub-incizi (1) sub-paragrafi (d) u (f) tal-Att dwar iz-zwieg (Kap 255 tal-ligijiet ta’ Malta);

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-10 t’April 1974 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ Dr. Michael Tanti Dougall datata 4 ta’ Frar 2002, li permezz taghha rrinunzja ghall-patrocinju tal-attur.

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh fit-13 ta' Marzu 2002 u li ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' April 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavit ghall-partijiet.

Rat in-nota tal-attur tal-15 ta' Mejju 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta' l-attur tat-28 ta' Mejju 2002li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Father Maurice Mifsud.

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta' Gunju 2002; u tal-14 ta' Gunju 2002 fejn xehdet Cettina Gauci. Dr. Emy Bezzina ddikkjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u z-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg; kif ukoll illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba nkapacita' li tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi dawn it-tliet premessi huma kkontemplati **fl-artikolu 19(1) (d) u / jew (f) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta u cjoe' l-Att dwar iz-Zwieg.

**19(1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:**

(a) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';

(b) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;

(c) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

**(d) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;**

(e) Jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;

**(f) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;**

**(g) Jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;**

(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f' dak iz-zwieg, u din id-dispozizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi disposizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f'xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kundizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn

parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta.

Qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenuta irremettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, u b' hekk giet li anke hi trid li dan iz-zwieg ikun annullat, xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kundizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 [2] Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub ("**Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri**" – Cit. Nru. 1264/94 per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fit-3 ta' Ottubru 1995 PA).

Illi dwar l-ewwel difett l-attur qed jikkontendi li kellu meta kkontratta z-zwieg mal-konvenuta. Dan huwa dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cjoe`:

**19(1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:**

**(d) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;**

B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 P.A.).

Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Pero`, kif gia' inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46).

Proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la*

*discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97).

L-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni*

*volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give*

*and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).

Kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (Can. 1095[3]) tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99). Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause,*

*incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op. Cit., p. 687).

## III. PROVI PRODOTTI

Illi **l-attur** xehed permezz ta' affidavit u sostna li minn meta kellu sbatax sa meta ghalaq tlieta u ghoxrin sena kellu hafna tfajliet pero' qatt ma wasal ghaz-zwieg. Imbaghad iltaqa' mal-konvenuta u bejn l-ewwel appuntament u z-zwieg ghaddew b'kollox xi sena u nofs. Skond huwa lanqas kienu regolari u esklussivament flimkien. Huwa infatti qal li dak iz-zmien kien ihobb izomm hafna hbieb, l-aktar tfajliet. Beda johrog mal-konvenuta izda waqt li kienet imsiefra gieli kellu *"date"* ma' xi hadd iehor ghalkemm hi kienet it-tfajla principali tieghu. Huwa qal li dak iz-zmien qatt ma kellu problema biha, ferhana dejjem u b'kollox, u jmorru fejn imorru tiehu pjacir u qatt ma wriet gosti, preferenzi jew opinjoni. Qatt ma kienet tghir u kull ma kien jaghmel ghaliha kien ben fatt.

Illi huwa sostna li hija zzewget mhux ghall-imhabba imma biex tehles mid-dar. Infatti spjega li missierha kien tirann u kellu diversi problemi mal-familjari tieghu. L-attur qal li kien waqaflu lil missierha u b'hekk ma tantx kienu jaqblu. Huwa qal li ma kienx kuntent bix-xoghol li kellu u qatt ma kien jara opportunitajiet jew futur f'Malta. Imbaghad tela' Londra, ghogbitu u baqa' sakemm gab *"working permit"* biex jitla' jahdem fir-Renju unit. Huwa ried ukoll jistudja l-Ingilterra u beda jfittex. Lil Rose kien jaggornaha fuq xoghol u studju f'dan ir-rigward. Imbaghad iddecieda li ried imur u kien dispost li jtemm ir-relazzjoni li kellu ma' Rose. Izda hi ppruvat iddawwarlu fehmtu u fi ftit zmien ippjanat kif titlaq mid-dar u tmur mieghu. L-attur kompla li kien informa lill- genituri tieghu u ommu offrietlu li titla' maghhom sakemm jizzewgu bhala *"chaperon"* biex l-affarijiet ma jidhrux suspettuzi. Imbaghad infurmaw lil missierha permezz ta' qassis meta huma kienu *"beyond his reach"*.

Illi meta kienu l-Ingilterra l-affarijiet ikkumplikaw ruhhom minhabba problema finanzjarja; kif ukoll li kien hemm xi *clashes* bejn omm l-attur u l-konvenuta. It-tensjoni bdiet

dejjem tikber. Rose ma kienitx tirreagixxi imma kienet dejjem tistaqsih jekk kienx veru jhobbha, jekk zgur riedx jizzewwigha u jekk hux se jiddejjaq minnha. Huwa sostna li ghalih il-fatt li hi kienet harbet mid-dar kien jiehdu bhala sinjal ta' mhabba u b'hekk kien lest ghal kollox biex hi ma jiddispjacihiex li ghazlet lilu. Hija saret l-eroj u l-idolu tieghu.

Illi fil-jum tat-tieg taghhom ma sar l-ebda riceviment. La kien hemm rigali jew *souvenirs* u bla *videos* u ritratti. Huwa spjega li fl-ewwel lejl ma kellhomx relazzjoni sesswali peress illi l-konvenuta kienet tisthi u sa hemmhekk ha pacenzja. Illi pero' skond huwa damu hafna zmien biex jikkunsmaw iz-zwieg – ghaddew disa' snin u xahrejn. L-attur qal li dejjem bil-problemi u bl-iskuzi min-naha taghha. Tant hu veru li marru ghand tabiba l-Ingilterra meta kienu qed joqghodu hemm biex tezaminaha u sabet li ghalkemm setghet tikkonsma z-zwieg b'mod naturali kien ikun ahjar li l-konvenuta tissottometti ruhha ghall-intervent kirurgiku minuri u hija hekk ghamlet (Vide l-affidavit ta' l-attur minn fol.29 sa fol.32 tal-process). Wara dan il-perjodu hija nqabdet tqila u kellhom l-ewwel wild. Wara xi zmien riedet it-tieni tarbija, insistiet u spicca ceda. B'hekk kellhom it-tieni wild. Izda l-problema sesswali ta' bejniethom baqghet u dan kien dejjem jigi min-naha taghha *stante* li hija kienet ferm riluttanti.

Illi l-attur xehed ukoll li miz-zwieg sa mill-bidu tal-1998 hija allegatament saret dejjem aktar u aktar dominanti u telghet fuq rasu. Imbaghad fl-1998 attenda ghal servizz fi Knisja Kristjana Evangelika Pentekostali fejn ghadu jmur. Fil-bidu ma qal xejn imma wara ftit qalilha. Hija ma kienitx irreagixxiet ghax hu baqa' jmur il-Knisja maghhom u qatt ma fixkel lil hadd milli jipprattikaw ir-religjon li riedu. Hija pero' bdiet tiddejjaq li kellu attivitajiet relatati ta' spiss u kienu jargumentaw. Dan wassal biex hija marret ghand avukat biex jisseparaw izda wara ftit talbitu biex jinsa kollox u dan peress li kif stqarret wara din tieghu kienet fissazzjoni u ma ddumx ma tispicca. Fis-sena 2000 pero' regghet qamet il-kwistjoni tas-separazzjoni.

Illi huwa qal ukoll li hija kienet tigdeb jew iddawwar id-diskors jew tahbi l-verita' jew tghid il-parti li jaqblilha biss. Twieghed pero' ma zzommx kelmitha; kif ukoll qatt ma tammetti tort jew titlob skuza jew mahfra. *Inoltre* xehed li ma lanqas glieda kienet tmur ghand hutha, ommha ecc. bit-tfal u meta kien imur ifittixhom ma jhalluhx jarahom. Huwa qal li l-konvenuta kellha habta iggib lil huha d-dar biex jiddominah, icanfru, jikkoregih, jheddu u jumiljah. Fl-ahharnett sostna li hi qatt ma riedet tmur xi forma ta' *counselling.*

Illi **Fr. Maurice Mifsud** xehed li hu kien jaf lill-partijiet sa minn hafna snin ilu meta kienu zghazagh fl-Ghaqda tal-Y.T.C. L-aktar haga li jiftakar huwa li darba marru jkellmuh, qalulu li kienu se jsiefru l-Ingilterra u Alfred kien qallu li hawnhekk ma setghux jizzewgu u dan minhabba xi nkwiet illi kellhom. L-attur kien qallu biex imur ghand il-familja tal-konvenuta u javzahom li binthom kienet siefret ghax hi kienet ser issiefer bil-mohbi. Huwa hekk ghamel pero' l-istorja ma baqghax isegwiha. Dak iz-zmien ma qghadx jistaqsi, pero' jaf li Alfred kien qallu li kien hemm oppozizzjoni min-naha tal-genituri taghha. Rigward iz-zwieg taghhom fl-Ingilterra huwa ma jidhirlux li kellu x'jaqsam fit-thejjija taghhom.

Illi **Cettina Gauci**, oht il-konvenuta, ezebit certifkat mediku t'ommha. Hija qalet li missierha kien ftit kontra li ohtha tizzewweg lill-attur. Dan ghal diversi ragunijiet fosthom ta' sahha. Kien hemm b'hekk pressjoni biex ma tizzewgux. B'hekk telqet l-Ingilterra mieghu minghajr ma qalet lil missierha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-konjugi Zammit meta zzewgu l-Ingilterra ghamlu hekk minhabba c-cirkostanzi li kienu jinsabu fihom u dan specjalment il-konvenuta li kellha pressjoni min-naha tal-genituri taghha biex ma tizzewwigx u b'hekk harbet mieghu. Irrizulta mill-komportament taghha wara z-zwieg li hija verament ma kinetx taf x'kienu d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali naxxenti miz-zwieg. Fl-ewwel lok irrizulta li huma kellhom problemi sesswali matul iz-zwieg taghhom sa mill-bidu nett meta ghadda hafna zmien qabel ma kkunsmaw iz-

zwieg. L-attur qal ukoll li meta kien ikollhom xi argument hija kienet tmur ghand il-familja taghha bit-tfal imbaghad lanqas biss kienu jhalluh jara lit-tfal. Dan juri certu ammont ta’ immaturita’ ghaliex kieku kienet tipprova ssolvi s-sitwazzjoni. Illi min-naha tieghu anki l-attur ghamel dan il-pass taz-zwieg b’nuqqas ta’ maturita’ ghaliex filwaqt li huwa meta kien sejjer jahdem u jistudja l-Ingilterra kien lest li jitlaq kollox inkluz itemm ir-relazzjoni taghhom hija rnexxielha ddawwarlu fehmtu u hasbet mod kif titlaq mieghu minghajr ma nfurmat lill-genituri taghha. B’hekk telghu flimkien u spiccaw biex izzewgu. Irrizulta car li ma kien hemm l-ebda preparamenti ghaz-zwieg.

Illi jinghad ukoll li dak li gieghel lill-kontendenti jaghmlu dan il-pass taz-zwieg bla ebda kont juri mhux biss li l-istess kontendenti zzewgu ghar-ragunijiet ghal kollox inkompatibbli mal-istitut taz-zwieg, izda wkoll dan il-pass ittiehed minhabba n-nuqqas ta’ responsabilta’ immanifestata fl-immaturita’ rispettiva taz-zewg partijiet f’din il-kawza.

Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-fatti fuq indikati u hekk pruvati jinkwadraw ruhhom fejn il-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha (**artikolu 19 (d) tal-Kapitlu 255**).

Illi *stante* l-premess din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fuq lanjanzi ohra allegati mill-attur .

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa’ t-talba attrici** b’dan li :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta’ April 1974 huwa null u bla effett *ai termini* tal-Artikolu **19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**1 ta' Ottubru 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**1 ta' Ottubru 2002.**